

Brussell, 21 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5598/26

**AGRILEG 11**  
**PESTICIDE 3**  
**DENLEG 4**  
**PHYTOSAN 4**  
**SAN 43**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	20 ta' Jannar 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D105864/06
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jstabilixxi r-rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 547/2011

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D105864/06.

Mehmuż: D105864/06



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
PLAN/2022/1649 Rev. 1  
(POOL/E4/2022/1649/1649R1-EN.docx)  
D105864/06  
[...] (2025) **XXX** draft

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' **XXX****

**li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li  
jħassar ir-Regolament (UE) Nru 547/2011**

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 547/2011**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 65(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2011<sup>2</sup> fih rekwiżiti għat-tikkettar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi frażijiet standard għal riskji speċjali għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u prekawzjonijiet ta' sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew tal-ambjent kif ukoll il-kriterji ta' attribuzzjoni għal dawk il-frażijiet standard u l-prekawzjonijiet ta' sikurezza.
- (2) Ir-rekwiżiti ta' tikkettar għas-sustanzi u t-taħlitiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ġew emendati bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/707<sup>4</sup> u bir-Regolament (UE) 2024/2865<sup>5</sup>. Sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament (KE) 1107/2009 u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, ċerti elementi tar-

<sup>1</sup> ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tikkettar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 176, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/547/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/707 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tal-klassijiet u l-kriterji ta' periklu għall-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/del/2023/707/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE)

rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jenħtieġ li jiġu allinjati mar-rekwiżiti ta' tikkettar il-ġodda applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

- (3) Skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni l-frażijiet nazzjonali addizzjonali tat-tikkettar meħtieġa biex jiproteġu s-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew l-ambjent fit-territorji tagħhom. L-Istati Membri nnotifikaw frażijiet addizzjonali li jirrikjedu tagħmir ta' protezzjoni personali u tagħmir tekniku speċifiku għal kompiti speċifiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri nnotifikaw frażijiet li fihom miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi ambjentali jew agrikoli speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Il-Kummissjoni ġabret il-frażijiet addizzjonali kif innotifikati mill-Istati Membri u kkunsidrathom għall-inklużjoni f'dan ir-Regolament.
- (4) Il-kriterji ta' attribuzzjoni ta' wħud mill-frażijiet standard tar-Regolament (KE) Nru 547/2011 ma kinux marbuta mal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-manigjers tar-riskju fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu assenjati frażijiet standard lit-tikketta tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom il-valutazzjoni tar-riskju turi li jenħtieġ li jiġu applikati restrizzjonijiet tal-użu jew miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem (operaturi, ħaddiema, persuni fil-qrib u residenti) jew tal-ambjent. Barra minn hekk, frażijiet oħra li għandhom l-għan li jikkomunikaw Prattiki agrikoli tajbin speċifiċi fl-użu ta' fumiganti, rodentiċidi jew prodotti għat-trattament taż-żrieragħ huma kkategorizzati wkoll. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu preċiżjonijiet supplimentari relatati mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju identifikati mill-manigjers tar-riskju meta jawtorizzaw prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fl-ispazji riżervati mqiegħda f'dawk il-frażijiet standard għal dak l-għan.
- (5) Għal ċerti kategoriji ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jenħtieġ li jiġu attribwiti b'mod sistematiku frażijiet speċifiċi ta' prekawzjoni u Prattiki agrikoli tajbin, indipendentement mill-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju.
- (6) It-tikketti diġitali jistgħu jtejbju l-komunikazzjoni tar-riskji potenzjali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u jistgħu joffru lill-utenti vantaġġi bħal fonts akbar, awtotiftix, assistenza bil-vuċi jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Barra minn hekk, it-tikketti diġitali fuq il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jtejbju t-tranżizzjoni lejn l-agrikoltura diġitali u l-adozzjoni ta' tekniki ta' applikazzjoni ta' preċiżjoni, u b'hekk jippermettu t-trasferiment tal-kundizzjonijiet awtorizzati tal-użu lill-makkinarju tal-applikazzjoni, lill-mapep lokali, jew lill-istazzjonijiet tat-temp, kif ukoll jissimplifikaw ir-rapportar f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/564<sup>7</sup>. Għaldaqstant, huwa xieraq li tintalab tikketta

---

2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/564 tal-10 ta' Marzu 2023 fir-rigward tal-kontenut u l-format tar-rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti miżmuma minn utenti

diġitali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, minbarra t-tikketta fiżika, u li jiġu stabbiliti rekwiżiti li jikkonċernaw it-tikketti diġitali.

- (7) It-tikketta fiżika u diġitali ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jenħtieġ bħala regola li jkun fiha l-istess elementi, li jirriflettu l-kontenut tal-awtorizzazzjoni mogħtija, b'xi flessibilità limitata matul il-perjodi ta' grazzja skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (8) Huwa xieraq li jiġi permiss l-użu ta' tikketti li jintwew għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll, għal pakketti żgħar, il-possibilità li t-tikketta tiġi pprovduta f'format ta' fuljett li jakkumpanja l-pakkett. Għat-tikketti li jintwew, jenħtieġ li japplikaw ir-regoli applikabbli għall-preżentazzjoni ta' tikketti li jintwew skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
- (9) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1487<sup>8</sup>, l-aġenti protettivi u s-sinerġizzanti fis-suq se jsiru soġġetti għall-approvazzjoni fil-livell tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Għalhekk huwa xieraq li l-isem tal-aġent(i) protettiv(i) u tas-sinergizzant(i) approvat(i) skont dak ir-Regolament li jinsab(u) fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll il-konċentrazzjoni rispettiva tagħhom, jiġi/u indikat(i) fit-tikketta.
- (10) Skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-użu xieraq ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jrid jinkludi l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti. Għalhekk, biex l-utenti jiġu mfakkra dwar l-obbligu li japplikaw il-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti, jenħtieġ li tiġi inkluża frażi standard speċifika fuq it-tikketta tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għall-utenti professjonali.
- (11) It-tikketta tal-prodott jenħtieġ li tinforma lill-utenti professjonali dwar il-kundizzjonijiet tal-użu tal-prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti, inkluża l-possibilità li jintużaw tekniki ta' applikazzjoni ta' preċiżjoni. Dawn it-tekniki jippermettu lill-utenti japplikaw il-prodotti awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti b'mod aktar preċiż u eżatt meta mqabbla mat-tagħmir ta' applikazzjoni konvenzjonali. Jippermettu wkoll tnaqqis fil-kwantità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti applikat għal kull ettaru filwaqt li tinżamm ir-rata ta' applikazzjoni awtorizzata fuq is-superfiċji fil-mira. It-tekniki ta' applikazzjoni ta' preċiżjoni jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis ġenerali tal-esponiment ambjentali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u jistgħu jinkoraġġixxu użu aktar effiċjenti, immirat u sostenibbli.
- (12) Sabiex jiġi evitat l-iskart mir-rimi tal-imballaġġ tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u mhux biss mir-rimi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti nfushom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti frażijiet standard għar-rimi sikur tagħhom.
- (13) Sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni lill-utent dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma potenzjalment perikolużi għan-naħal, jenħtieġ li jiġu stabbiliti frażi u pittogramma speċifiċi.

---

professionali skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 74, 13.3.2023, p. 4, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/564/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/564/oj)).

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1487 tad-29 ta' Mejju 2024 li jiddefinixxi r-rekwiżiti tad-data għall-approvazzjoni ta' aġenti protettivi u sinerġisti u l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma għar-rieżami gradwali ta' aġenti protettivi u sinerġisti fis-suq (ĠU L, 2024/1487, 30.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1487/oj>).

- (14) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013<sup>9</sup> u l-prinċipji uniformi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011<sup>10</sup>, il-mikroorganiżmi kollha jenħtieġ li jitqiesu bħala sensitizzaturi potenzjali sakemm ikunu disponibbli testijiet ivvalidati għall-valutazzjoni tas-sensitizzazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi stabbilita sentenza speċifika ta' prekawzjoni biex twissi dwar il-potenzjal tal-mikroorganiżmi li jikkawżaw reazzjonijiet sensitizzanti.
- (15) L-utenti finali taż-żrieragħ ittrattati jridu jiġu infurmati dwar ir-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw miż-żriġħ ta' żrieragħ ittrattati u li jkunu kkawżati mill-prodott(i) għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun(u) ntuża(w) għat-trattament taż-żrieragħ. Peress li l-utent finali taż-żrieragħ ittrattati mhux dejjem ikollu aċċess għat-tikketta tal-prodott(i) għall-protezzjoni tal-pjanti li bih(om) jiġu ttrattati ż-żrieragħ, ċerti frazjijiet standard biex jikkomunikaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meta jimmaniġġaw jew jiżirgħu ż-żrieragħ ittrattati jenħtieġ li jiġu inklużi kemm fuq it-tikketta tal-prodott(i) għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll fuq it-tikketta u d-dokumenti li jakkumpanjaw iż-żrieragħ ittrattati f'konformità mal-Artikolu 49(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (16) Sabiex l-Istati Membri jingħataw għodod adegwati biex jiġġieldu l-kummerċ ta' prodotti illegali għall-protezzjoni tal-pjanti, huwa xieraq li jiġi stabbilit rekwiżit speċifiku ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti soġġetti għal permess kummerċjali parallel mogħti skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. F'konformità mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawża C-830/21, Syngenta Agro<sup>11</sup>, jenħtieġ li jiġi ċċarat li n-numru tal-lott tal-formulazzjoni kkonċernata allokat mill-manifattur inizjali, in-numru tal-permess u l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-permess jenħtieġ li jiġu inklużi fuq it-tikketta ta' prodott ta' kummerċ parallel.
- (17) Skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' riċerka jew żvilupp. Meta jitqies li dawn il-prodotti ma jirrikjedux awtorizzazzjoni u biex ir-riċerkaturi jingħataw struzzjonijiet ta' sikurezza, jenħtieġ li jinżammu ċerti rekwiżiti li jikkonċernaw it-tikkettar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għandhom jintużaw għal tali finijiet.
- (18) Sabiex jiġi żgurati li l-awtoritajiet kompetenti, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni, il-fornituri u l-utenti professjonali jew mhux professjonali jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-data tal-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi differita.
- (19) Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi introdotta miżura tranżizzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni gradwali tar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament meta jinħarġu u jiġġeddu awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Peress li abbozz ta' tikketta jrid jiġi ppreżentat f'applikazzjonijiet għall-ħruġ jew għat-tiġdid

<sup>9</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 93, 3.4.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/283/oj>).

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 127, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/546/oj>).

<sup>11</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2023, Syngenta Agro, C-830/21, ECLI:EU:C:2023:959.

ta' tali awtorizzazzjonijiet, jenħtieġ li din il-miżura tranżizzjonali tapplika meta l-applikazzjoni rispettiva tkun ġiet ippreżentata qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, meta t-tikketta ta' tali prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti trid tiġi emendata jew aġġornata, xi wħud mir-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-tikketta emendata mingħajr ma jistennew it-tiġdid li jmiss tal-awtorizzazzjoni.

- (20) Minħabba l-għadd kbir ta' emendi, u fl-interess taċ-ċarezza, huwa xieraq li r-Regolament (UE) Nru 547/2011 jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.
- (21) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Regoli ġenerali**

1. L-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5, 6, 7 u 10 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu pprovduti fuq tikketta f'forma fiżika ("tikketta fiżika") u f'forma diġitali ("tikketta diġitali").
2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni jew id-detentur tal-permess ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiżgura li t-tikketta fiżika u t-tikketta diġitali tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun fihom l-istess elementi. Dawk l-elementi għandhom jirriflettu l-kontenut tal-awtorizzazzjoni rispettiva mogħtija f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta l-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tiġi emendata u jingħata perjodu ta' grazzja skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-tikketta diġitali tiegħu tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-awtorizzazzjoni emendata qabel tmiem dak il-perjodu ta' grazzja.
4. It-tikketta fiżika tista' tiġi ppreżentata wkoll f'forma ta' tikketta li tintewa. F'dak il-każ, it-Taqsima 1.2.1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandha tapplika *mutatis mutandis*.
5. Fil-każ ta' pakketti żgħar, l-informazzjoni meħtieġa mill-punti (j) sa (s) tal-Anness I tista' tiġi indikata fuq fuljett separat li jakkumpanja l-pakkett. Fuljett bħal dan għandu jitqies bħala parti mit-tikketta fiżika.
6. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni jew id-detentur tal-permess ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jinkludi informazzjoni addizzjonali dwar it-tikketta fiżika u diġitali, dment li din tkun f'konformità mal-kontenut tal-awtorizzazzjoni rispettiva mogħtija f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

#### *Artikolu 2*

#### **Tikketta diġitali**

1. Mezz ta' data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (39), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li jorbot mat-tikketta diġitali għandu jiġi stampat fuq it-tikketta fiżika.
2. It-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli mingħajr il-ħtieġa ta' kont u għandha tkun mingħajr ħlas.

3. Mal-irtirar ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mis-suq jew, fejn applikabbli, mat-tmien tal-perjodu ta' grazzja msemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-tikketta diġitali tiegħu għandha tiġi diżattivata, jew għandha tkun viżibbli għall-utent dikjarazzjoni ċara li tindika li l-prodott ma għadux awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat.

#### *Artikolu 3*

### ***Informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u l-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu***

It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u l-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu kif stabbilit fl-Anness I.

#### *Artikolu 4*

### ***Frażijiet standard għar-rimi sikur***

It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha frażijiet standard għar-rimi sikur tal-kontenitur tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif stabbilit fl-Anness II, fejn dan ikun meħtieġ skont il-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti f'dak l-Anness.

#### *Artikolu 5*

### ***Frażijiet u pittogramma standard għall-komunikazzjoni ta' periklu***

1. It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha frażijiet standard għall-komunikazzjoni ta' periklu kif stabbilit fl-Anness III, fejn dan ikun meħtieġ skont il-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti f'dak l-Anness.
2. It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha frażi standard u pittogramma li jikkomunikaw il-periklu potenzjali li l-prodott jippreżenta għan-naħal kif stabbilit fl-Anness III, fejn dan ikun meħtieġ skont il-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti f'dak l-Anness.
3. It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-mikroorganiżmi bħala sustanza attiva għandu jkun fiha frażi standard li tikkomunika l-potenzjal li jiġu kkawżati reazzjonijiet sensitizzanti kif stabbilit fl-Anness IV.

#### *Artikolu 6*

### ***Frażijiet standard għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju***

1. It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha frażijiet standard għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness V, fejn dan ikun meħtieġ skont il-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti f'dak l-Anness.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, jekk ikun meħtieġ, jirrikjedu preċiżjonijiet supplimentari fil-frażijiet standard stabbiliti fl-Anness V, fejn l-ispazji jew l-ispazji riżervati jindikaw l-għażla li jagħmlu dan.

#### *Artikolu 7*

### ***Frażijiet standard relatati maż-żriġh ta' żrieragħ trattati***

1. Il-frażijiet standard relatati maż-żriġh ta' żrieragħ ittrattati inklużi fit-Taqsima 7.2 tal-Anness V għandhom jitqiegħdu, fejn dan ikun meħtieġ skont il-kriterji ta' attribuzzjoni stabbiliti f'dak l-Anness, kemm fuq it-tikketta tal-prodott għall-

protezzjoni tal-pjanti awtorizzat għall-użi tat-trattament taż-żrieragħ kif ukoll fuq it-tikketta u d-dokumenti li jakkumpanjaw iż-żrieragħ ittrattati.

2. Fejn rilevanti, frażijiet addizzjonali mit-tikketta tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti marbuta mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għandhom jiġu inklużi wkoll fuq it-tikketta u d-dokumenti li jakkumpanjaw iż-żrieragħ ittrattati.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, jekk ikun meħtieġ, jirrikjedu preċiżjonijiet supplimentari fil-frażijiet standard stabbiliti fl-Anness V, fejn l-ispazji jew l-ispazji riżervati jindikaw l-għażla li jagħmlu dan.

#### *Artikolu 8*

#### ***Informazzjoni qarrieqa fuq it-tikketta***

It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma għandhiex turi dikjarazzjonijiet qarrieqa, b'mod partikolari li jissuġġerixxu li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mhuwiex perikoluż jew dikjarazzjonijiet li huma inkonsistenti mal-klassifikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew inkonsistenti mal-kontenut tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

#### *Artikolu 9*

#### ***Lingwa***

It-tikketta għandha tinkiteb bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jitqiegħed fis-suq sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jipprevedix mod ieħor.

#### *Artikolu 10*

#### ***Prodotti ta' kummerċ parallel***

1. It-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għalih ikun inġhata permess ta' kummerċ parallel fi Stat Membru wieħed (Stat Membru tal-introduzzjoni) skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandha tinkludi l-elementi addizzjonali li ġejjin:
  - (a) in-numru tal-permess;
  - (b) l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefown tad-detentur tal-permess. Dan jista' jissostitwixxi l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefown tad-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-Istat Membru tal-oriġini.
2. In-numru tal-lott tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun dak allokat mill-manifattur tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzat fl-Istat Membru ta' oriġini.

#### *Artikolu 11*

#### ***Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li se jintużaw għar-riċerka u l-iżvilupp***

1. B'deroga mill-Artikoli 1 sa 7 ta' dan ir-Regolament, it-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li se jintuża f'esperimenti jew testijiet għal skopijiet ta' riċerka jew żvilupp, kif stipulat fl-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandha tikkonforma, fejn rilevanti, mal-punti (c), (d), (e) u (k) tal-Anness I biss.
2. It-tikketta għandha tinkludi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi imposti abbażi tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u l-kliem "prodott

maħsub għall-użu sperimentali; mhux karatterizzat kollu kemm hu: uża bi prudenza kbira”.

*Artikolu 12*  
***Miżuri tranżitorji***

1. Ir-Regolament (UE) Nru 547/2011 għandu jkompli japplika għat-tikketta tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni jew l-aħħar tiġdid tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 abbażi ta' applikazzjoni sottomessa qabel l-1 ta' Jannar 2028.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk it-tikketta ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat tkun trid tiġi emendata wara l-1 ta' Jannar 2028, it-tikketta emendata ta' dak il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fiha tikketta diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 2.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tikketta tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti tista' tkun diġà konformi ma' xi wħud mir-rekwiżiti jew mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, it-tikketta aġġornata għandu jkun fiha mill-inqas tikketta diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 2.
4. B'deroga mill-paragrafu 1, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2030, it-tikketti kollha tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun fihom tikketta diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 2.

*Artikolu 13*  
***Tħassir***

Ir-Regolament (UE) 547/2011 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*  
***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*